A.L. 45 ta' l-1990

ATT LI JIRREGOLA L-KONDIZZJONIJIET TA' L-IMPIEG

(KAP. 135)

Ordni ta' l-1990 li Jemenda l-Ordni tal-Kunsill tal-Pagi għall-Industriji ta' l-Armar tat-Trasport, ta' Metall u Industriji li Jagħmlu Magħhom biex Jirregola l-Pagi

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 8 ta' l-Att li Jirregola l-Kondizzjonijiet ta' l-Impieg, il-Ministru tal-Politika Soċjali, wara li rċieva proposti mill-Kunsill tal-Pagi għall-Industriji ta' l-Armar tat-Trasport, tal-Metall u Industriji li Jagħmlu Magħhom dwar il-kondizzjonijiet ta' l-impieg ta' l-impjegati li għalihom japplika l-imsemmi Kunsill tal-Pagi għamel l-ordni li ġej:—

Titolu u bidu fis-seħħ.

1. (1) Dan l-ordni jista' jissejjaħ Ordni ta' l-1990 li Jemenda l-Ordni tal-Kunsill tal-Pagi għall-Industriji ta' l-Armar tat-Trasport, ta' Metall u Industriji li Jagħmlu Magħhom biex Jirregola l-Pagi u għandu jinqara u jiftiehem ħaġa waħda ma' Ordni ta' l-1977 tal-Kunsill tal-Pagi għall-Industriji ta' l-Armar tat-Trasport, ta' Metall u Industriji li Jagħmlu Magħhom biex Jirregola l-Pagi, hawnhekk iżjed 'il quddiem imsejjaħ "l-ordni prinċipali".

A.L. 101 ta' l-1977.

(2) Dan l-ordni għandu jibda jseħħ fid-9 ta' April, 1990.

Jemenda l-paragrafu 7 ta' l-Iskeda li tinsab ma' l-ordni prinċipali.

2. Fis-subparagrafu (1) tal-paragrafu 7 ta' l-Iskeda li tinsab ma' l-ordni prinċipali minnufih wara l-kliem "għall-ħin kollu tax-xogħol li jaħdmu fis-seba' ġurnata" għandu jidħol il-kliem "u jkunu intitolati għal sahra bir-rata ta' ħin doppju għal ħin kollu ta' xogħol fil-vaganzi tassoltu jew vaganzi mhux mogħtija".

Jemenda l-paragrafu 8 ta' l-Iskeda li tinsab ma' l-ordni prinċipali.

3. Minflok il-paragrafu 8 ta' l-Iskeda li tinsab ma' l-ordni prinċipali għandu jidħol dan li ġej:—

"*Leave* għal vaganza.

8. (1) B'żieda mal-anqas mistrieħ fil-ġimgħa li jistgħu ikunu intitolati għalih impjegati *whole-time* skond il-paragrafu 6, impjegati *whole-time* għandhom jedd għall-Festi Nazzjonali u għall-btajjel pubbliċi kollha b'paga sħiħa, u għal dan il-*leave* għal vaganza li ġej li ma jkunx inqas minn—

(a) erba' ġimgħat tax-xogħol u jum wieħed tax-xogħol matul is-snin kalendarji 1988 u 1989;

(b) erba' ġimgħat tax-xogħol u jumejn tax-xogħol matul is-sena kalendarja 1990;

(ċ) erba' ġimgħat tax-xogħol u tlett ijiem tax-xogħol matul is-sena kalendarja 1991;

(d) erba' ġimgħat tax-xogħol u erbat ijiem tax-xogħol matul is-sena kalendarja 1992 u matul kull sena oħra kalendarja li tiġi wara:

Iżda meta impjegat *whole-time* ikun ilu impjegat għal inqas minn tnax-il xahar matul xi sena kalendarja, ikollu jedd għal dik il-parti tal-*leave* għal vaganza msemmi skond ma jkun il-proporzjon tan-numru ta' xhur li jkun ilu fl-impieg.

(2) Għall-finijiet ta' dan il-paragrafu "*leave* għal vaganza" tfisser *leave* bi ħlas li jista' jittieħed f'jiem miftehmin bejn prinċipal u impjegat, b'dan illi jum wieħed *leave* għal vaganza matul 1988 u 1989, jumejn *leave* għal vaganza matul 1990, tlett ijiem *leave* għal vaganza matul l-1991 u erbat ijiem *leave* għall-vaganza matul l-1992 u matul kull sena oħra kalendarja li tiġi wara ma jkunux jagħmlu parti minn xi *shut-down* u għandhom jingħataw mill-prinċipal bħala *leave* li jittieħed b'għażla b'żieda ma kull *leave* li jittieħed b'għażla li l-impjegat seta' kellu jedd għalih fid-9 ta' Novembru, 1988.".

Jemenda l-paragrafu 9 ta' l-Iskeda li tinsab ma' l-ordni prinċipali.

4. Il-paragrafu 9 ta' l-Iskeda li tinsab ma' l-ordni prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej:—

(a) is-subparagrafu (2) tiegħu u l-proviso li tinsab miegħu għandhom jitħassru;

(b) fil-paragrafu 9 kif issa enumerat mill-ġdid, minflok il-kliem "l-Att ta' l-1956 dwar is-Sigurtà Nazzjonali" għandhom jidhlu l-kliem "l-Att ta' l-1987 dwar is-Sigurtà Soċjali".

Jemenda l-paragrafu 12 ta' l-Iskeda li tinsab ma' l-ordni prinċipali.

5. Fil-paragrafu 12 ta' l-Iskeda li tinsab ma' l-ordni prinċipali, minflok il-kliem "l-Att ta' l-1956 dwar is-Sigurtà Nazzjonali" għandhom jidhlu l-kliem "l-Att ta' l-1987 dwar is-Sigurtà Soċjali".